**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 12**

**IT-TNEJN 29 TA' MARZU, 2010**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu 2010 fis-6.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI ( Seba' Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, James Cauchi (daħal fis-7.05pm), Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**12/01** **MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 11**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija. Wara konsiderazzjoni tagħhom, fuq mozzjoni tas-**Sindku Joseph Scerri**, issekondat mill-**Kunsillier Pablo Cachia Belli**, il-Kunsill approva l-minuti bħala dokument korrett u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmawhom.

**12/02** **SKEDA TA' PAGAMENTI – FRAR 2010**

12/02/01 ***Pagamenti Magħmula***

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti magħmula f'dan l-aħħar xahar, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija (kopja annessa). Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti.

12/02/02 ***Pagamenti li jridu jsiru***

Is-Sindku ressaq ukoll il-lista ta' kontijiet li għad iridu jsiru għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti (kopja annessa). Il-Kunsill approva unanimament biex jitħallsu dawn il-kontijiet.

**12/03** **MOZZJONIJIET**

**12/03/01** ***Mozzjoni Nru. 01/2010 – Mozzjoni dwar Tabelli ta' l-ADT (mehmuża)***

Il-Kunsillier John Vella irtira l-mozzjoni u ddikjara li se jagħmel stqarrija għax il-mozzjoni li kien qed iressaq ġiet interpretata ħażin minn xi individwi.

Is-Sindku kkundanna lil dak il-Kunsillier li għadda l-mozzjoni f'idejn Kunsillier barrani. Huwa qal li dan mhu xejn għajr li dan il-Kunsillier ried jieħu vantaġġ minn Kunsilli oħra.

**12/03/02** ***Mozzjoni Nru. 02/2010 – Mozzjoni dwar Hand Railing fi Triq il-Gendus (mehmuża)***

Il-mozzjoni mressqa mis-**Sindku s-Sur Joseph Scerri** ġiet issekondata mill-**Viċi Sindku Alison Zerafa** u l-Kunsill unanimament approva.

**12/04** **KORRISPONDENZA**

12/04/01 ***Road Hump fi Triq Santa Tereża (05/0452/10)***

Transport Malta irċeviet talba biex issir road hump fi Triq Santa Tereża viċin il-Knisja ta' Santa Tereża għax qed isir sewqan eċċessiv u għaldaqstant talbet il-kummenti tal-Kunsill.
Il-Kunsill iddeċieda li ninfurmawhom li għandna nistennew sakemm jitlesta l-iżvilupp tal-baċir għax hemm ippjanat ukoll traffic management taż-żona.

12/04/02 ***Permess ta' Posta***

Is-Sur George Caruana bejjiegħ tal-ġelati talab posta biex ibiegħ il-ġelati fl-okkażjoni ta' l-Irxoxt għal filgħodu biss. Il-Kunsill unanimament approva.

12/04/03 ***Ħadd il-Għid (05/0609/10)***

Il-Kan. Joe Mifsud kiteb għall-Uffiċċju Parrokjali fejn offra spots televiżivi ta' 15-il sekonda fuq 5 darbiet waqt xandira diretta ta' Ħadd il-Għid għall-prezz totali ta' Euro 230.
Il-Kunsill unanimament approva li juża dawn l-ispots biex jagħti l-awgurju ta' l-Għid lir-residenti.

12/04/04 ***St. Margaret College Girls' School (05/0625/10)***

Il-Kunsill approva unanimament li jingħata ktieb lill-Kulleġġ ta' Sta. Margerita għall-okkażjoni ta' Jum il-Premjazzjoni. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Alison Zerafa ġiet inkarigata biex tixtri ktieb addattat għall-okkażjoni.

12/04/05 ***Malta – Italia 2007-2013***

Il-Kunsill wara stedina mill-Kunsill ta' l-Isla, approva biex flimkien nipparteċipaw fil-proġett Malta – Italia 2007-2013. Aktar dettalji għandhom jaslulna.

**12/05** **<u>ĦWEJJEĠ OĦRA</u>**

12/05/01 Il-Kunsill ġie nfurmat li se napplikaw għall-fondi ewropej biex jitneħħa t-tarmak minn fuq iż-żonqor ta' Triq Matty Grima, Triq Dwardu u Triq Guliermu liema proġett mistenni jlaħħaq is-somma ta' Euro 231,000. Hija x-xewqa tal-Kunsill li jinkludi wkoll Triq San Ġorġ u Triq Santa Margerita madanakollui l-fond totali huwa ta' Euro 2 miljuni għal Malta kollha u ħadna parir fejn qalulna li aħjar nillimitaw it-talba tagħna għal Euro 231,000. Għal dan il-għan, il-Kunsill talab l-għajnuna tal-Kunsill taż-Żgħażagħ iffurmat minn Karl Scicluna, David Cassar, Kyle Abela, Steve Gatt, Marija Abela u Samuel Cutajar sabiex jimtlew serje ta' kwestjonarji minn residenti u anke nies fin-negozju bil-għan li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi tkun sapportjata mir-residenti u l-SMEs.

12/05/02 Il-Kunsillier John Vella qal li qiegħed fi trattattivi ma' l-Awtorita' tat-Turiżmu biex jitnaddfu s-swar u l-via minn fejn se jgħaddu t-turisti tal-heritage trails. Qed isir tentattiv li l-finanzi tat-tindif jiġu mill-MTA kollha.

12/05/03 ***<u>Festi ta' l-Għid – Xogħol ta' Tindif Extra</u>***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li għall-festi ta' l-Għid fejn ħafna turisti jżuru Bormla, se jsir ġbir ta' skart extra biex tinżamm aktar indafa anke ukoll peress li se ssir xandira diretta fuq it-televiżjoni ta' l-Irxoxt.

12/05/04 ***<u>Ġbir ta' Skart</u>***

Is-**Sindku s-Sur Joseph Scerri** ressaq riżoluzzjoni fejn ippropona li l-iskart separat jibda jinġabar biss nhar ta' Tlieta filwaqt li nhar ta' ġimgħa jerġa' jibda jinġabar l-iskart domestiku imħallat.

Il-**Kunsillier Raymond Balzan** issekonda.

Il-riżoluzzjoni għaddiet unanimament.

12/05/05 ***<u>Mixgħela tat-Toroq bix-xemgħat u Bibita'</u>***

Is-**Sindku s-Sur Joseph Scerri** ppropona wkoll biex isiru xi dekorazzjonijiet fil-Baċir Nru. 1 kif ukoll jinxtegħlu xemgħat fit-toroq tal-lokalita f'Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira. Fl-istess waqt is-Sindku propona li ssir ukoll il-bibita' f'Ħadd il-Għid għall-bandisti fl-uffiċini tal-Kunsill.
Il-Kunsill unanimament approva.

12/05/06 ***<u>Lezzjonijiet ta' l-eżami tal-Junior Lyceum</u>***

Il-**Viċi Sindku s-Sinjorina Alison Zerafa** issuġġeriet li għandhom isiru lezzjonijiet għat-tfal tal-lokal li se jagħmlu l-eżami tal-Junior Lyceum. Hi offriet is-servizzi tagħha bla ħlas pero jista' jkun hemm bżonn tas-servizzi ta' xi għalliema oħra li forsi titlob xi kumpens.
Il-Kunsill approva unanimament li għandhom isiru dawn il-lezzjonijiet għat-tfal tal-lokal.

12/05/07 ***<u>Żbir ta' Siġar fi Triq il-Ġublew tal-Fidda</u>***

Il-Kunsill unanimament approva li jinforma lill-ELC sabiex jinżabru s-siġar tan-naħa ta' Bormla fi Triq il-Ġublew tal-Fidda għax din hija triq arterjali.

12/05/08 ***Devoluzzjoni***

Il-Kunsill approva li jinbeda l-proċess ta' devoluzzjoni tax-xelters u tal-kappella tan-nattivita'.

✧ **Il-Kunsillier James Cauchi daħal fis-7.05pm**

12/05/09 ***Tender tal-Bar – Grounds Peppi Delceppo***

Intalbet informazzjoni fuq l-aġġudikazzjoni tat-tender għall-Bar tal-grawnds Peppi Delceppo.
Is-Sindku qal li llum fis-2.00pm kelna laqgħa mas-Sur Pio Vassallo, Direttur ta' Vassallo Builders Group Ltd fejn qal li għandu jifli l-offerti u jiddiskutihom mad-diretturi u jgħatuna risposta bid-deċiżjoni tagħhom.

12/05/10 ***Ħin tas-Seduta***

Il-Kunsillier James Cauchi staqsa għaliex il-ħin ta' din il-laqgħa nbidel mis-6.30pm għas-6.00pm. Is-Sindku s-Sur Joseph Scerri rrisponda li hu għandu jattendi laqgħa mportanti fis-7.15pm u ma kellux alternattiva oħra ħlief li jinforma l-Kunsilliera b'dan li fil-maġġoranza tagħhom aċċettaw.

12/05/11 ***Rilokazzjoni ta' Bus Shelter – San Ġwann t'Għuxa***

Il-Kunsill unanimament approva li ssir talba lil Transport Malta sabiex jinbidel il-post tal-bus shelter li hemm fi Triq San Ġwann t'Għuxa kantuniera ma' Triq Daħlet it-Tliet iBliet għaliex riċentement reġgħet daħlet xi karozza fih. Dan il-fatt jixhed li n-nies li jkunu qed jistennew ix-xarabank qegħdin kontinwament fil-periklu.

12/05/12 ***Interviews – Impjieg ta' Skrivan/a – Scale 15***

Il-Kunsillier James Cauchi talab informazzjoni fuq l-interviewing Board u qal li hu ma jistax ikun inkluż għax kien assenti fil-ħin tal-laqgħa tal-Kunsill li ġie maħtur il-bord. Is-Sindku rrisponda li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li l-interviewing board huwa kompost mis-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-inqas tliet Kunsilliera inkluż is-Sur Cauchi.

Fis-7.20pm il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 ta' April, 2010.

| | |
|---|---|
| Joseph Scerri | Joseph Caruana |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |